# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 594/13JRM**

Josephine **FARRUĠIA**, Rita Baldacchino u Doris Tabone lkoll ulied il-mejjet Alfred Baldacchino

vs

Jasmine **BALDACCHINO**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Ġunju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) tiddikjara u tiddeċiedi li huma għandhom jedd għas-sehem riżervat lilhom bil-liġi fuq il-ġidi tal-mejjet missierhom Alfred Baldacchino konsistenti dan is-sehem f'parti minn tnax ($^{1}/_{12}$) mhux maqsum lil kull waħda minnhom; (2) tillikwida l-ġid tal-mejjet Alfred Baldacchino skond l-artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili, magħdud dak kollu li minnu l-istess Alfred Baldacchino seta' iddispona gratwitament favur l-bintu l-imħarrka; (3) tordna li, u kemm-il darba t-talbiet tal-atturi fil-kawża kontra Rita Farrugia[1] kif hawn fuq imsemmija jintlaqgħu, tali assi għandhom jinkludu wkoll

[1] Riferenza għall-kawża Rik. Nru. 593/13JRM (maqtugħa fit-12.11.2015, u mhix appellata)

l-ammont ta' flus mogħtija lil Rita Farrugia omm l-istess imħarrka mill-mejjet Alfred Baldacchino, skond kif tordna l-istess Qorti; (4) tillikwida s-sehem riżervat bil-liġi favur kull waħda minnhom fuq il-ġid kollu likwidat tal-mejjet Alfred Baldacchino; (5) tikkundanna lill-imħarrka Jasmine Baldacchino biex tħallas lil kull waħda minnhom is-sehem riżervat hekk likwidat u dovut. Talbu wkoll l-ispejjeż, magħduda dawk marbuta mal-ħruġ tal-Mandat ta' Deskrizzjoni 895/13 u kif ukoll l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Ġunju, 2013[2], li bih appuntat il-kawża għas-smigħ;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fit-3 ta' Settembru, 2013[3], li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li dejjem kienet lesta li tħallas is-sehem riżervat spettanti lill-atturi iżda mhux bil-mod kif qed iqisu l-atturi, b'hekk it-talba tagħhom kienet ogħla minn dak li titlob il-liġi. Tgħid li t-talba għal imgħax għandha tiġi miċħuda skond il-*proviso* ta' l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili, u li m'għandiex tbati spejjeż;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Novembru, 2013[4], li bih assenjat din il-kawża sabiex tinstemgħa kontestwalment mal-kawża 593/13, minn din il-Qorti hekk presjeduta;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fl-14 ta' Novembru, 2014[5], u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fl-24 ta' Novembru, 2014[6], u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fit-30 ta' April, 2015[7], u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fis-26 ta' Ġunju, 2015[8], u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fil-11 ta' Jannar, 2016[9], u d-dokumenti mehmużin magħha;

[2] Paġ 49 tal-proċess
[3] Paġ 53 u 54 tal-proċess
[4] Paġ 56 tal-proċess
[5] Paġ 61 sa 72 tal-proċess
[6] Paġ 74 sa 90 tal-proċess
[7] Paġ 94 sa 97 tal-proċess
[8] Paġ 125 sa 138 tal-proċess
[9] Paġ 143 sa 153 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2016[10], fejn fuq talba ta' l-atturi nħatru l-Perit Arkitett Alan Saliba bħala Perit Tekniku u lil Pierre Grech Pillow bħala stimatur tal-għamara;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fit-18 ta' Frar, 2016[11];

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-arkitett Alan Saliba tal-11 ta' April, 2016[12], u maħluf minnu kif imiss waqt is-smigħ tal-5 ta' Mejju, 2016[13];

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Stimatur Pierre Grech Pillow tal-21 ta' April, 2016, u maħluf minnu kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ġunju, 2016[14];

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2016[15], li bih il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi sabiex jeskutu lill-periti maħtura mill-Qorti;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fit-23 ta' Ġunju, 2016[16], u d-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota ta' l-atturi mressqa fl-4 ta' Lulju, 2016[17], u d-dokument mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2017[18], li bih laqgħet it-talba ta' l-atturi[19] li l-provi minnhom imsemmija fl-istess talba u miġbura fl-atti tal-kawża 593/13 JRM fl-ismijiet "*Josephine Farrugia et vs Rita Farrugia*" maqtugħa fit-12 ta' Novembru, 2015, jkunu jgħoddu għal din il-kawża wkoll;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka fit-30 ta' Jannar, 2017[20];

Rat in-Nota responsiva mressqa mill-atturi fl-20 ta' Marzu, 2017[21];

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka fit-30 ta' Ottubru, 2017[22] u l-affidavit mehmuż magħha;

---

[10] Paġ 159 u 160 tal-proċess
[11] Paġ 163 tal-proċess
[12] Paġġ. 168 sa 178 tal-proċess
[13] Paġ. 179 tal-proċess
[14] Paġ. 182 tal-proċess
[15] Paġ. 184 tal-proċess
[16] Paġ 185 u 186 tal-proċess
[17] Paġ 188 u 189 tal-proċess
[18] Paġ 226 tal-proċess
[19] Paġ. 219 tal-proċess
[20] Paġ 227 tal-proċess
[21] Paġ 231 u 232 tal-proċess
[22] Paġ 239 sa 242 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2018[23], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u li fuq talba ta' l-Avukati tal-partijiet ordnat li s-sottomissjonijiet jsiru bil-miktub;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-6 ta' Marzu, 2018[24];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fit-18 ta' Ġunju, 2018[25], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2018[26] li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża u l-atti rilevanti tal-kawża Numru 593/13JRM;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat. L-atturi jgħidu li għandhom jedd jieħdu s-sehem riżervat mill-wirt ta' missierhom, wara li l-Qorti tillikwida dak il-wirt, magħdud miegħu dak kollu li missierhom, Alfred Baldacchino, seta' ta lil kull min kien b'mod gratuwitu matul ħajtu, u talbu lill-imħarrka bħala l-werrieta ta' missierha u missierhom, tħallashom is-somma hekk likwidata bħala s-sehem riżervat li kull waħda minnhom imissha mill-imsemmi wirt.

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka tilqa' billi tgħid li hi qatt ma ċaħdet li lill-atturi tagħtihom dak li ħaqqhom bil-liġi.  Tgħid li huma qed jippretendu sehem minn ġid li mhumiex intitolati għalih, b'hekk qed jitolbu aktar minn dak li tgħid il-liġi.  Tgħid ukoll li m'għandhiex tħallas imgħax u lanqas spejjeż tal-kawża;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża u dik l-oħra msemmija safejn rilevanti għal din</u>, jirriżulta li t-tliet atturi huma aħwa mill-istess missier.  Il-missier, Alfred Baldacchino, kien infired legalment minn ma'

[23] Paġ 246 tal-proċess
[24] Paġ 267 sa 289 tal-proċess
[25] Paġ 296 sa 319 tal-proċess
[26] Paġ 320 tal-proċess

omm l-atturi, Mary Baldacchino, bis-saħħa ta' kuntratt nutarili ta' firda personali tas-17 ta' Frar, 1983[27];

Illi Alfred Baldacchino kien daħal f'relazzjoni ma' Rita Farruġia, u minnhu kellhu tifla, Jasmine[28], l-imħarrka fil-kawża, li twieldet fis-sena 1993. Baldacchino u Farruġia baqgħu f'relazzjoni flimkien sal-mewt ta' Baldacchino;

Illi Alfred Baldacchino miet testat fl-24 ta' Diċembru, 2012[29]. Il-wirt tiegħu huwa regolat b'żewġ testmenti: l-ewwel wieħed magħmul fid-9 ta' Mejju, 1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Manġion; waqt li t-tieni wieħed sar fit-23 ta' Marzu, 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut[30];

Illi fl-ewwel testment, Baldacchino ħalla l-użufrutt tad-dar li kien jgħix fiha fi Triq in-Newl, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, lil Rita Farruġia u lill-imħarrka, b'kulma jinsab fiha mill-għatba 'l ġewwa li ma kienx diġà ta' martu Rita Farruġia għaliex mixtri minnha. Ħalla b'legat lill-imħarrka l-imsemmija dar fi proprjetà assoluta. Ordna li l-atturi wliedu jieħdu biss il-leġittima, u ħatar lill-imħarrka bħala l-werrieta universali tiegħu;

Illi fit-tieni testment aġġuntiv, Baldacchino ħalla lil Rita Farruġia b'legat, garaxx fi Triq Ħal Mula, f'Ħaż-Żebbuġ, fi proprjetà assoluta, u mill-bqija kkonferma l-ewwel testment, b'mod li ried li ż-żewġ testmenti jinqraw flimkien;

Illi Baldacchino kellu kont bankarju f'ismu, in-numru tal-kont abbinat ma' fergha tal-bank ġewwa Ħaż-Żebbuġ, li minnu wara mewtu tħallsu l-ispejjeż marbuta mal-funeral tiegħu[31]. Huwa ma kellu ebda *safety box* reġistrata fuq ismu mal-bank, u ma kien ħatar lill-ebda persuna biex tirrappreżentah mal-bank[32];

Illi jirriżulta li Baldacchino irtira fis-sena 1998. Huwa kien intitolat għas-somma bħala benefiċċju marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, u għal pensjoni ta' kull xahar u benefiċċji oħra kull tant xhur[33];

Illi ġranet wara li Baldacchino ġie nieqes, l-atturi avviċinaw lil Rita Farruġia bil-għan li jitkixxfu kif missierhom kien irregolarizza ġidu fil-wirt[34];

---

[27] Paġġ. 82 sa 85 tal-proċess
[28] Affidavit ta' Jasmine Baldacchino f'paġ. 240 tal-proċess
[29] Dok. "A" f'paġ. 4 tal-proċess
[30] Dok. "D" u Dok. "E" f'paġġ. 9 sa 10 tal-proċess
[31] Dok. "RA1" f'paġġ. 90 sa 134 tal-proċess . Ara wkoll ix-xhieda ta' Romwald Attard f'paġġ. 148 sa 151 u paġġ. 377 sa 378 tal-kawża Nru. 594/13 JRM, u x-xhieda ta' Joseph Caruana f'paġġ. 113 sa 144 tal-proċess u Dok. "JCA" f'paġġ. 100 – 8 tal-proċess
[32] Xhieda ta' Joseph Caruana f'paġ. 114 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Grace Micallef f'paġġ. 116 – 7 u Dok. "GM1" f'paġ. 98 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Chircop f'paġ. 120 tal-proċess u Dok. "JCA" f'paġġ. 109 – 110 tal-proċess
[34] Affidavit ta' Jasmine Baldacchino f'paġ. 242 tal-proċess

Illi fit-23 ta' Mejju, 2013[35], l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lil Rita Farruġia u lill-imħarrka biex jitolbuhom jgħaddulhom tagħrif dwar il-ġid fil-wirt u jersqu għal-likwidazzjoni ta' sehemhom riżervat minn ġid missierhom;

Illi fid-19 ta' Ġunju, 2013[36], l-atturi ressqu talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni tal-ħwejjeġ mobbli li kienu jinstabu fil-fond 25, Triq in-Newl, Ħaż-Żebbuġ u fil-garaxx fi triq Mula, Żebbuġ;

Illi fid-19 ta' Ġunju, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natural legali</u> marbutin mal-każ iduru l-aktar ma' dak li l-atturi jippretendu li jmissu jingħatalhom skond il-liġi mis-sehem imħolli lilhom mill-wirt ta' missierhom bħala s-sehem riżervat. It-talbiet attriċi ser jiġu mistħarrġa fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-imħarrka;

Illi l-wirt ta' missier l-atturi huwa regolat miż-żewġ testmenti tad-9 ta' Mejju, 1996, u tat-23 ta' Marzu, 2006. Il-Qorti tagħraf li din il-kawża tirrigwarda likwidazzjoni wara l-emendi fil-liġi li seħħew bl-Att Numru XVIII tal-2004 fil-qasam tas-suċċessjoni. Dak li qabel kienet magħrufa bħala l-"leġittima", illum ġiet tissejjaħ is-"sehem riżervat". Billi t-testatur miet wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet fuq imsemmija, għal din il-kawża tgħodd il-liġi fis-seħħ illum u mhux dik ta` qabel l-emendi[37];

Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mill-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[38]. Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt *in natura*, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalità minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu[39] (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb taż-żwieġ[40]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[41], u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa

[35] Paġġ. 63 – 4 tal-proċess
[36] Paġġ. 65 sa 72 tal-proċess
[37] Ara art.116(2) tal-Att XVIII tal-2004
[38] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472**)
[39] Caruana Galizia <u>Notes on Civil Law –Law on Succession</u>, paġ. 1021
[40] Art. 620(3) tal-Kap. 16
[41] Art. 620(2) tal-Kap. 16

mingħand it-testatur[42], u jingħata fi proprjetà sħiħa meħlus minn kull piż jew kondizzjoni[43];

Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[44]. Dan ifisser li l-ulied kollha, magħduda dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[45]. Ifisser ukoll li ladarba l-atturi u l-imħarrka huma l-erba' (4) wlied ta' Alfred Baldacchino, is-sehem tal-atturi jrid ikun ta' sehem minn tnax ($^{1}/_{12}$) lil kull waħda minnhom tal-ġid li jirriżulta li missierhom kellu dak inhar li miet;

Illi billi l-imħarrka ma ikkontestat bl-ebda mod il-jedd tal-atturi għas-sehem riżervat minnhom mitlub mill-wirt ta' missierhom, il-Qorti sejra tilqa' **l-ewwel talba** tagħhom ukoll dwar il-kwota tas-sehem ta' kull waħda minnhom;

Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx għad hemm il-*proviso* għas-subartikolu (2) tal-artikolu 615 li wieħed isib illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%)[46], għandu jiżdied mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika b'att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn;

Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni[47]. Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "*jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja*"[48];

---

[42] Art. 620(4) tal-Kap. 16
[43] Art. 620(1) tal-Kap. 16
[44] Art. 616(2) tal-Kap. 16
[45] Art. 618(1) tal-Kap. 16
[46] Art. 1139 tal-Kap. 16
[47] P.A. JZM **29.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Raffaele Vella vs Salvino Vella et*** (mhix appellata)
[48] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Ġiuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)

Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[49]. F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[50]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Bl-istess mod lanqas ma jista' jitqies l-iżvalutar illi xi investiment seta' ġarrab minn wara l-mewt tat-testatur. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

Illi dan il-kriterju iżda jinbidel meta ssir aljenazzjoni mill-werrieta ta' parti mill-wirt wara l-ftuħ tiegħu u waqt li jkun għaddej is-smigħ tal-kawża. F'dik iċ-ċirkustanza, il-valur tal-ġid hekk trasferit għandu jitqies bħala dak taż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali[51];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, l-Qorti tqis li s-sehem riżervat li minnu jistħoqqilhom jieħdu l-atturi f'din il-kawża jrid jinħadem fuq il-valur tal-ġid identifikat ta' missierhom fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt tiegħu. Għalhekk, issa huwa meħtieġ li ssir il-likwidazzjoni tal-wirt ta' missier l-atturi;

Illi kull parti ressqet ix-xhieda tagħha fuq dak li fl-opinjoni tagħha kien jifforma parti mill-ġid tat-testatur. Fin-Noti ta' Sottomissjonijiet[52] taż-żewġ partijiet jidher li hemm qbil dwar fiex kien jikkonsisti l-ġid tat-testatur f'termini ta' <u>assi immobbli</u>, iżda mhux neċessarjament fuq il-valur nnifsu. Dan il-ġid jikkonsisti: (i) f'remissa numru sitta u tmenin (86), li tagħmel minn binja bl-isem ta' "*Rainbow Court*" fi Triq L Mifsud Tommasi, f'Ħaż-Żebbuġ; u (ii) fil-fond numru tlieta u għoxrin (23) ġjà erbgħa u disgħin (94) fi Triq in-Newl, Ħaż-Żebbuġ. Il-fond ġie stmat minn perit imqabbad mill-atturi *ex parte* fis-sena 2013 (u konfermat fis-sena 2016), għall-valur ta' mitejn u ħamsa u sittin elf ewro (€265,000)[53], filwaqt li r-remissa ġiet stmata fis-sena 2016 għal valur ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000)[54];

Illi filwaqt li l-atturi jżommu mal-istimi magħmula mill-perit tagħhom, l-imħarrka tgħid li din l-istima hija għolja w ma tirriflettix il-valur

---

[49] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[50] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***
[51] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawza fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[52] Ara wkoll il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Jannar, 2016 f'paġ. 159 tal-proċess
[53] Dok. "CB1" f'paġ. 206 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Perit Charles Buħaġiar f'paġġ. 209 – 211 tal-proċess
[54] Dok. "CB2" f'paġ. 207 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Perit Charles Buħaġiar f'paġġ. 213 sa 214 tal-proċess

xieraq tal-immobbli. Hija tistrieħ fuq l-istima tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti li wasal għal valur tal-fond fl-ammont ta' mija ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) u tar-remissa fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) fis-sena 2012, filwaqt li l-valur jogħla għal mija u disgħin elf ewro (€190,000) u wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000) fis-sena 2016[55];

Illi l-Qorti, wara li qieset il-kriterji li ssemmew aktar qabel, kif ukoll wara li ħadet qies tal-valutazzjoni taż-żewġ periti u l-eskussjoni tal-perit tekniku[56], tasal għall fehma li għandha tistrieħ fuq il-valutazzjoni li wasal għaliha l-perit tekniku mqabbad minnha, jiġifieri dik ta' mija u disgħin elf ewro (€190,000) fir-rigward tal-fond, u tar-remissa fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000). B'kollox, dan il-ġid immobbli jitla' għal mitejn u ħdax-il elf ewro (€211,000);

Illi bħala <u>ġid mobbli</u> f'isem it-testatur, min-nota ta' sottomissjonijiet jirriżulta li hemm qbil bejn il-partijiet illi kien jikkonsisti f'li ġej: (i) oġġetti tad-deheb; u (ii) kollezzjoni ta' karozzi tal-*matchbox*. Dwar l-oġġetti mobbli l-oħrajn li jissemmew fil-Mandat ta' Deskrizzjoni, ma tressqet l-ebda prova tas-siwi tagħhom. Il-partijiet jaqblu li fir-rigward tal-kollezzjoni tal-vetturi, il-valur għandu jkun dak li wasal għalih il-perit Stimatur, jiġifieri dak ta' elf, tliet mija u għoxrin ewro (€1,320)[57], filwaqt li għar-rigward tal-oġġetti tad-deheb, jistrieħu fuq l-istima mressqa mill-imħarrka fis-sena 2013 fl-ammont ta' ħamest elef, erba' mija u sebgħin ewro (€5,470)[58]. Għall-kuntrarju ta' dak li jissottomettu l-atturi, ma jirriżultax minnu li l-imħarrka taċċetta din l-istima bħala l-valur xieraq ta' dawk l-oġġetti[59];

Illi l-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, ir-rapport tal-perit Stimatur u l-eskussjoni tiegħu, tasal għall-fehma li għandha toqgħod fuq il-valutazzjoni li wasal għaliha l-istess Stimatur fis-sena 2016, jiġifieri dik ta' tlett elef, sitt mija u għoxrin ewro (€3,620) li tgħodd fiha l-istima tal-kollezzjoni tal-karozzi fuq imsemmija u tal-oġġetti tad-deheb li kellu l-mejjet;

Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi meta nfetħet is-suċċessjoni, it-testatur kellu fuq ismu l-ammont ta' elfejn, tmien mija tnejn u disgħin ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€2,892.91) depożitati f'kont bankarju, li minnhom tħallsu l-ispejjeż marbuta mal-funeral tiegħu, biex b'hekk baqa' bilanċ fl-ammont ta' mija erbgħa u tmenin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€184.48). Il-kont illum jinstab imblukkat[60];

---

[55] Rapport tal-Perit Alan Saliba f'paġġ. 168 sa 178 tal-proċess
[56] Ara x-xhieda tal-Perit Alan Saliba f'paġġ. 194 sa 196 tal-proċess
[57] Paġ. 182 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Pierre Grech Pillow f'paġġ. 198 sa 200 tal-proċess
[58] Dok. "PGP" f'paġ. 193 tal-proċess
[59] Ara Nota f'paġ. 227 tal-proċess
[60] Dok. "RA1" f'paġġ. 90 sa 134 tal-proċess . Ara wkoll ix-xhieda ta' Rowland Attard f'paġġ. 148 sa 151 u paġġ. 377 sa 378 tal-proċess Rik. Nru. 594/13 JRM, u x-xhieda ta' Joseph Caruana f'paġġ. 113 sa 144 tal-proċess u Dok. "JCA" f'paġġ. 100 sa 108 tal-proċess

Illi dwar jekk it-testatur kellux djun, jirriżulta li ma kellu dejn ma' ebda bank jew persuna oħra. L-istess għandu jingħad għar-rigward tal-ispejjeż tal-funeral. Dawn tħallsu mill-imħarrka jew minn ommha, mill-ġid tat-testatur;

Illi, għall-finijiet tal-artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili, l-atturi jippretendu li fil-kalkolu tas-sehem riżervat għandhom jidħlu l-ammont ta' mija u sebat elef ewro (€107,000), li fi kliemhom kienet ngħatat minn missierhom lil Rita Farruġia, omm l-imħarrka, biex bija jitħallas is-sehem riżervat. L-imħarrka u ommha, min-naħa l-oħra, jiċħdu dan u jistqarru li tul ħajtu, it-testatur ta lis-sieħba tiegħu, Rita Farruġia, flejjes biex jagħmel tajjeb għal infiq tal-ħajja ta' kuljum u nfieq ieħor li Rita Farruġia minn żmien għal żmien kienet tħallas għal bżonnijiet li kienu jinqalgħu jew għall-ħlas ta' servizzi fid-dar fejn kienu jgħixu bħala familja;

Il-Qorti ma tistax tilqa' stedina bħal dik bla ma tkun qiegħda tindaħal f'aspett tal-provi li jaqa' fuq xi waħda mill-partijiet. Tfakkar illi l-piż tal-prova huwa fuq l-atturi, u fil-fehma tagħha, din il-prova, l-atturi naqsu li jġibuha kif imiss. Ma tresqet ebda prova mill-atturi li xhur qabel il-mewt tat-testatur, kien ġie trasferit f'kont ta' Rita Farruġia ammont ta' mija u sebat elef ewro (€107,000) biex jissostanzja x-xilja tagħhom. Tfakkar li spekulazzjonijiet u preżunzjonijiet ma jiswew xejn f'kawża ta' din in-natura. Il-Qorti, għall-kuntrarju, tqis li għal ħamsa u għoxrin sena, it-testatur kien f'relazzjoni u għex taħt l-istess saqaf ma' omm l-imħarrka u mal-istess imħarrka bħala familja, u huwa mistenni minnu li jgħaddi lis-sieħba tiegħu flejjes li kien idaħħal minn paga jew, wara li rtira, mill-pensjoni li kien idaħħal kull xahar għal ħajja ta' kuljum;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għax-xhieda mogħtija minn Rita Farruġia meta mressqa b'xhud tal-atturi in subizzjoni[61]. Dik ix-xhieda tagħti stampa ta' kif kienu jitmexxew il-finanzi u l-infieq għall-ħajja ta' kuljum bejnha, missier l-atturi u bintha. Dik ix-xhieda tqiegħed ukoll f'kuntest il-pretensjoni li l-atturi jagħmlu dwar is-somma ta' mija u sebat elef euro (€ 107,000) li jsejħulha "donazzjoni" magħmula minn missierhom lil Rita Farruġia. Il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda mogħtija mill-imħarrka fil-kontro-eżami[62] u li matulha żammet verżjoni konsistenti dwar x'kienet taf x'isir mid-dħul ta' missierha u ta' ommha. L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda s-somma nnifisha msemmija mill-atturi u dak li kien ingħad meta l-atturi marru jkellmu 'l ommha u saħansitra irreġistraw it-taħdita li kienet saret bejniethom;

[61] Xhieda tagħha f'paġġ. 372 – 4 tal-atti tal-kawża 593/13JRM
[62] Xhieda tagħha f'paġġ. 249 *et seq* tal-proċess

Illi ladarba l-atturi jgħidu li missierhom ta l-imsemmija somma lil omm l-imħarrka b'liberalità, jaqa' fuqhom il-piż li jippruvaw dik l-allegazzjoni. Mill-aspett legali, jekk huwa minnu li dak li sar bejn missier l-atturi u omm l-imħarrka kien donazzjoni, jeħtieġ li jitħarsu l-kundizzjonijiet li trid il-liġi biex iseħħ kuntratt bħal dan. Issa l-liġi tagħmilha ċara li biex donazzjoni tkun tiswa, trid issir b'att pubbliku[63]. Is-somma li għaddiet mingħand il-missier għal għand omm l-imħarrka ma tista' bl-ebda mod titqies ta' "valur żgħir, meta jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-persuni u ċirkostanzi oħra"[64]. Fit-tieni lok, ma ntweriex li sar xi att miktub li bih l-imsemmija somma għaddiet mingħand missier l-atturi għal għand omm l-imħarrka. Fit-tielet lok, ingħatat raġuni tajba biżżejjed biex turi li dak it-trasferiment kien jikkonsisti fir-radd lura ta' nefqiet li omm l-imħarrka kienet għamlet matul is-snin fl-interess ta' missier l-atturi, u b'hekk jiġi nieqes l-element tal-liberalità li dwarha l-atturi jsejsu l-pretensjoni tagħhom. Fir-raba' lok, il-Qorti tqis li, wara li semgħet ir-reġistrazzjoni tat-taħdita li saret bejn omm l-imħarrka u l-atturi, ma joħroġx daqstant ċar li s-somma msemmija ngħatat minn Alfred Baldacchino bil-ħsieb li wliedu l-atturi ma jkollhomx fuqiex jieħdu s-sehem riżervat spettanti lilhom;

Illi għalhekk, wara li l-Qorti qieset sewwa dawn il-fatti u kejlithom mal-effetti legali rilevanti, tasal għall-fehma li l-imsemmija somma ma għandhiex titqies bħala l-frott ta' att ta' liberalità u għalhekk ma hijiex ġid li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-atturi. Daqstant ieħor, ladarba fil-waqt tal-mewt ta' missier il-partijiet fil-kawża dawk il-fondi ma kinux jagħmlu mill-wirt tiegħu, ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-mertu ta' din l-azzjoni;

Illi meta l-Qorti rat x'inhu l-ġid immobbli u mobbli li minnu l-atturi jistgħu jieħdu s-sehem riżervat tagħhom, u għall-finijiet **tat-tieni talba attriċi**, issib li dan jammonta għal mitejn u ebgħatax il-elf, tmien mija u erbgħa ewro, tmenin u erbgħa l-ċenteżmu (€214,804.48)[65];

Illi ladarba t-testatur kellu erba' (4) wlied, is-sehem riżervat imħolli lilhom ilkoll irid ikun daqs waħda minn kull tlieta ($^1/_3$) tal-ġid tal-wirt tiegħu[66], u għaldaqstant għal finijiet **tar-raba' talba attriċi**, is-sehem disponibbli biex jitqassam bħala sehem riżervat mill-ġid kollu ta' Alfred Baldacchino jitla' għal wieħed u sebgħin elf sitt mija u euro u ħamsin ċenteżmi (€71,601.50) bejniethom, jew sbatax-il elf u disa' mitt euro u erbgħin ċenteżmi (€17,900.40) lil kull waħda minnhom, flimkien mal-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq dik

[63] Art 1753(1) tal-Kap 16
[64] Art. 1753(2)(a) tal-Kap 16
[65] € 211,000 (immobbli) + € 3804.48 (mobbli u depożiti) = €214,804.48
[66] Art. 616(1) tal-Kap 16

is-somma b'seħħ minn dak in-nhar li nfetaħ il-wirt (jiġifieri l-24 ta' Diċembru, 2012) sal-jum tal-ħlas effettiv;

Illi ladarba l-imħarrka nħatret waħedha bħala l-werrieta tat-testatur u ladarba hija wriet li qiegħda toqgħod għar-rieda tat-testatur u laqgħet il-wirt, għall-finijiet tal-**ħames talba attriċi** l-Qorti ssib li hija l-imħarrka li trid tħallas l-imsemmi sehem riżervat lill-atturi flimkien mal-imgħaxijiet li jkunu nġemgħu fuq is-somma hekk likwidata. Wara kollox, fl-ewwel eċċezzjoni tagħha hija tgħid li hija qatt ma opponiet għall-jedd tal-atturi għas-sehem riservat attwalment spettanti lilhom;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tindirizza f'dan l-istadju t-**tieni eċċezzjoni** tal-imħarrka li biha tgħid li ma jmissux jimxi mgħax fuq is-somma dovuta lill-atturi bħala sehemhom mis-sehem riżervat. Fl-ewwel lok, hija l-liġi nnifisha li tgħid li fuq dak is-sehem jimxi l-imgħax minn dakinhar li jinfetaħ il-wirt. B'ħarsien tal-liġi wkoll, l-atturi ressqu l-pretensjoni tagħhom fi żmien sentejn minn mindu miet missierhom[67]. Il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tħaddem diskrezzjoni biex tordna li ma jmissux jimxi mgħax. Min-naħa l-oħra, l-liġi hija ċara dwar dan il-punt u l-imħarrka ma ressqet l-ebda argument tajjeb biex il-Qorti timxi mod ieħor;

Illi għalhekk, ma ssibx li din it-tieni eċċezzjoni hija mistħoqqa;

Illi, fl-aħħarnett, għall-finijiet tat-**tielet eċċezzjoni**, il-Qorti tqis li għalkemm l-imħarrka qalet li hija ma għandhiex terfa' l-ħlas ta' spejjeż tal-kawża għaliex hija kienet taqbel li l-atturi jistħoqqilhom jieħdu s-sehem riżervat attwalment dovut lilhom, hija naqset li teżimi ruħha minn din ir-responsabbiltà billi tgħaddi biex tiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti s-somma li hija kienet tqis li hija xierqa u mistħoqqa għal dan il-għan. L-imħarrka kellha t-tagħrif kollu dwar il-konsistenzi tal-wirt ta' missierha li, wara kollox, ħalla lilha b'werrieta waħdanija universali tiegħu. Jekk kif tgħid fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[68], kienu l-atturi li ma laqgħux l-offerta tal-ħlas dovut lilhom, dan ifisser ukoll li l-imħarrka kienet taf x'kien dak l-ammont, u għalhekk, aktar u aktar kienet f'qagħda li tirregola ruħha f'dan ir-rigward;

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni tagħha ma tistax tirnexxi lanqas, għalkemm il-Qorti tqis li jixraq li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż ladarba mhux it-talbiet attriċi kollha sejrin jintlaqgħu u minħabba li allegazzjoni ewlenija tal-atturi (li kienet x'aktarx ir-raġuni ewlenija għaliex il-partijiet daħlu l-Qorti) qed jinstab li ma kinitx mistħoqqa;

---

[67] Art. 615(2) tal-Kap 16
[68] Paġ. 318 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi hija mistħoqqa u ssib li l-atturi għandhom jedd għas-sehem riżervat lilhom bil-liġi fuq il-wirt ta' missierhom Alfred Baldacchino, konsistenti f'sehem minn tnax ($^{1}/_{12}$) indiviż favur kull waħda minnhom;

Għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi** qiegħda tillikwida l-wirt ta' missier il-partijiet Alfred Baldacchino fis-somma ta' mitejn u ebatax-il elf, tmien mija u erba' ewro u tmienja w erbgħin ċenteżmu (€214,804.48);

**Tiċħad t-tielet talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tillikwida s-sehem riżervat li l-atturi jistħoqqilhom jieħdu mill-wirt ta' missierhom fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf seba' mija u euro u tnax-il ċenteżmi (€53,701.12) bejniethom, jew sbatax-il elf u disa' mitt euro u erbgħin ċenteżmi (€17,900.40) lil kull waħda minnhom, fuq liema somma jrid jimxi l-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ minn dakinhar li nfetaħ il-wirt ta' Alfred Baldacchino sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlieta u ħamsin elf seba' mija u euro u tnax-il ċenteżmi (€53,701.12) bejniethom, jew sbatax-il elf u disa' mitt euro u erbgħin ċenteżmi (€17,900.40) lil kull waħda minnhom, flimkien mal-imgħax kif fuq imsemmi; u

**Tordna** li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju, 2013 u tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 895/13, jitħallsu kwantu għal tmenin fil-mija (80%) mill-imħarrka w għoxrin fil-mija (20%) mill-atturi.

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor Joseph R. Micallef LL.D.,** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |
| **31 ta' Ottubru, 2019** | **31 ta' Ottubru, 2019** |